Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 182/2010

**Christopher Lautier (appellat)**

**Vs**

**Josef Galdez, Renato Vella u Jesmar Baldacchino bhala editur manigerjali tal-Istazzjon televiziv Smash TV (appellant)**

12 ta' Dicembru, 2016.

1. Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Marzu, 2014 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet li l-kliem *"il-figolla tas-sena"* indirizzati lill-attur u li qal Josef Galdes, kienu malafamanti u libelluzi. Ghalhekk iddikjarat lill-konvenuti Galdes u Baldacchino responsabbli u a tenur tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) ikkundannathom ihallsu solidalment is-somma ta' €3,000. Min-naha l-ohra ddikajrat li l-kliem li qal Renato Vella m'ghandux jitqies bhala malafamanti u libelluz.

2. Fir-rikors promotur Baldacchino gie mharrek bhala l-editur manigerjali tal-istazzjon Smash TV. Fit-twegiba li pprezenta kien iddikjara li kellu jigi ppruvat li hu *"direttur manigerjali tal-istazzjon fil-perjodu in ezami"*. Ghall-qorti hu evidenti li sar zball mill-avukat li kiteb it-twegiba, fis-sens li ried ighid "editur manigerjali" in kwantu gie mharrek f'dik il-vesti u fir-rikors promotur ma tissemmiex il-kariga ta' direttur manigerjali ta' Smash TV.

3. Mis-sentenza appella biss Jesmar Baldacchino li argumenta li mill-provi kien irrizulta li fil-mument li ttella l-programm meritu tal-procedura hu kien head of news tal-istazzjon, u ma kellu l-ebda kariga ohra. Zied li l-ewwel qorti kienet zbalajta meta qalet li ladarba kien head of news ta' Smash TV, allura kien l-editur. Fil-konfront tal-konvenuti l-ohra s-sentenza tal-ewwel qorti hi gudikat gialadarba ma sarx appell.

4. Min-naha tieghu l-attur wiegeb li l-oneru tal-prova kien fuq Baldacchino, li quddiem l-ewwel qorti ma ressaqx provi.

5. Fil-qosor il-fatti huma:

    i. L-attur hu *referee*. F'Marzu 2011 kien referee f'partita tal-kampjonat Premier, Sliema v. Qormi li ntlaghabet Ta' Qali.
    ii. Il-partita ntweriet filmat fuq l-istazzjon Smash TV u l-kummentaturi tal-partita kienu l-konvenuti Galdes u Vella. Minn hin ghall-iehor huma

bdew jikkummentaw b'mod negattiv fir-rigward tal-operat tal-attur u l-kollegi tieghu. Il-kummenti li ntqalu fil-konfront tal-attur kienu fost'ohrajn: *"Chris Lautier il-figolla tas-sena"*; tellef il-punti lit-tim tas-Sliema; ir-referee ghamel il-kummiedja tal-gimgha; li suppost ir-referee ikun newtrali u li l-attur haqqu gieh ir-repubblika.

**Konsiderazzjoni.**

6. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

i. Mis-sentenza hu evidenti li fehemet li l-azzjoni li ppropona l-attur kienet bazata fuq l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248).

ii. Fir-rigward tal-appellant l-unika prova li hemm fl-atti hi d-deposizzjoni tieghu, fejn qal li ma kienx direttur tal-kumpannija izda *head of news*.

iii. L-ewwel qorti qalet li, ma tifhimx kif l-intimat Baldacchino jista' b'xi mod ighid illi, *"… ma setghatx titmexxa azzjoni kontra tieghu, peress illi, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 248, azzjoni hija possibbli kontra, fost nies ohra, l-editur kif ukoll il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Jirrizulta mill-provi prodotti, illi Jesmar Baldacchino kien, kemm l-editur tal-istazzjon, kif ukoll il-persuna responsabbli li rrikordja l-programm"*. Pero' l-qorti ma semmietx x'suppost kienu l-provi li l-appellant kien l-editur. Jidher li l-qorti kkonkludiet li l-appellant kien il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni, ghaliex fehemet li kien xehed li kien hu li rrikordja l-programm.

iv. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-ewwel qorti in kwantu:

(a) Baldacchino gie mharrek bhala editur manigerjali tal-istazzjon. M'hemmx prova li kien l-editur. Skont artikolu 2 tal-Kap. 248, *"editur tfisser il-persuna responsabbli ta' kull stampat u dwar gazzetta jew servizz ta' xandir tinkludi kull persuna li thares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35"*. Il-fatt li persuna tokkupa l-kariga ta' *head of news* ma jfissirx li hi editur. Suppost li editur ikun registrat mar-Registratur tal-Istampa (ara artikolu 35 tal-Kap. 248 li bl-artikolu 43 hu applikabbli wkoll ghax-xandir).

(b) Min jallega jrid jipprova. Ladarba l-attur sostna li Baldacchino kien editur u fil-fatt harrku f'dik il-vesti, allura kellu obbligu li jressaq il-prova. Prova li ma saritx. Prova li setat issir billi per ezempju l-attur jipprezenta dikjarazzjoni mahruga mir-Registratur tal-Istampa li tikkonferma li l-appellant kien l-editur fiz-zmien tal-pubblikazzjoni.

(c) Fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta Jesmar Baldacchino jinghad: *"Jiena dak iz-zmien meta kien hemm it-trasmissjoni kont il-head of news u d-direttur kien missieri. Jiena nista' nikkonferma li dan ir-recording sar minn……"*. Hu evidenti li t-traskrittrici halliet ittra barra, fis-sens li kellha tkun jew "minni" jew "minnu". Madankollu rrispettivament minn min ghamel ir-recording, ma jfissirx li Baldacchino kien responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Skond artikolu 2 tal-Kap. 248, *"responsabbli ghall-pubblikazzjoni tfisser persuna li tkun sid ta' impriza ghall-pubblikazzjoni ta gazzetta jew li* ***jkollha licenza ghax-xandir*** *u* ***tinkludi kull persuna li jollha facilitajiet[1] ghall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat****"*. M'hemmx prova li Baldacchino ghandu licenza ghax-xandir jew li ghandu facilitajiet ghall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' stampa.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu 2014 billi thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Baldacchino responsabbli u kkundannatu jhallas €3,000 bhala danni *ai termini* tal-artikolu 28 tal-Kap. 248, u minflok tillibera lill-appellant mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-appellat Lautier.**

Anthony Ellul.

[1] Fit-test Ingliz, *"owns facilities for the production or reproduction of any printed matter"*.